



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Marzu 2022
(OR. en)

5954/22

LIMITE

CORLX 71
CFSP/PESC 115
RELEX 134
COEST 29
FIN 109

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) u (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Fuq il-bażi ta' rieżami mill-Kunsill, l-informazzjoni li tikkonċerna 37 individwu u sitt entitajiet fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li tiġi emendata.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014, l-entrati li jikkonċernaw il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"4.	Denis Valentinovich BEREZOVSKIY (Денис Валентинович БЕРЕЗОВСКИЙ) Denys Valentynovych BEREZOVSKYY (Денис Валентинович БЕРЕЗОВСЬКИЙ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 15.7.1974 Post tat-twelid: Kharkiv, RSS Ukrena, (illum l-Ukrajna)	Berezovskiy inġatar kmandant tal-Forza Navali Ukrena fl-1 ta' Marzu 2014 iżda wara dan ħa l-ġurament quddiem il-forzi armati tal-Krimea, u b'hekk kiser il-ġurament tiegħu lill-Forza Navali tal-Ukrajna. Kien Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed tal-Federazzjoni Russa sa Ottubru 2015. Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Paċifiku tal-Federazzjoni Russa u Viċi Ammirall.	17.3.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
8.	Sergey Pavlovych TSEKOV (Сергей Павлович ЦЕКОВ) Serhiy Pavlovych TSEKOV (Сергій Павлович ЦЕКОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 28.9.1953 jew 28.8.1953 Post tat-twelid: Simferopol, l-Ukrajna	Bħala Viċi Speaker tar-Rada Verkhovna tal-Krimea, Tsekov beda, flimkien ma' Sergey Aksyonov, it-tneħħija illegali tal-gvern tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" (ARC). Huwa involva lil Vladimir Konstantinov f'dan it-tentattiv, waqt li heddu bit-tkeċċija tiegħu. Huwa rrikonoxxa pubblikament li l-Membri Parlamentari mill-Krimea kienu dawk li bdew jistiednu lis-soldati Russi biex jieħdu taħt il-kontroll tagħhom lill-Verkhovna Rada tal-Krimea. Huwa kien wieħed mill-ewwel Mexxejja tal-Krimea li talab fil-pubbliku li l-Krimea tiġi annessa mar-Russja. Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" mill-2014, maħtur mill-ġdid f'Settembru 2019. Membru tal-Kunsill tal-Kumitat Federali għall-Affarijiet Barranin .	17.3.2014
17.	Sergei Vladimirovich ZHELEZNYAK (Сергей Владимирович ЖЕЛЕЗНЯК)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 30.7.1970 Post tat-twelid: San Pietruburgu (qabel kienet Leningrad), il-Federazzjoni Russa	Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Appoġġa b'mod attiv l-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea. Huwa mexxa personalment id-dimostrazzjoni b'appoġġ tal-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna. Eks Viċi President u eks membru tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat għall-Affarijiet Internazzjonali. Membru tal-Presidju tal-Kunsill Ġenerali tal-partit Russja Magħquda.	17.3.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
19.	Aleksandr Viktorovich VITKO (Александр Викторович ВИТКО)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 13.9.1961 Post tat-twelid: Vitebsk, RSS Belarussa (illum il-Belarussja)	Eks Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Ammirall. Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovrani tal-Ukrajna. Eks Kap tal-Persunal u kien l-Ewwel Viċi Kap Kmandant tal-Forza Navali Russa.	17.3.2014
27.	Alexander Mihailovich NOSATOV (Александр Михайлович НОСАТОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 27.3.1963 Post tat-twelid: Sevastopol, RSS Ukrena (illum l--Ukrajna)	Eks Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Viċi Ammirall. Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovrani tal-Ukrajna. Attwalment Ammirall, Kap tal-Persunal Ewlieni tal-Flotta Navali Russa.	21.3.2014
32.	Logutenent Ġenerali Igor Nikolaevich (Mykolayovich) TURCHENYUK (Игорь Николаевич ТУРЧЕНЮК)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 5.12.1959 Post tat-twelid: Osh, RSS Kirgiża (illum il-Kirgiżistan)	Eks Kmandant <i>de facto</i> tat-truppi Russi skjerati fuq il-post fil-Krimea, annessa illegalment, (li r-Russja għadha ssejjaħ uffiejalment "milizzji lokali għall-awtodifiża"). Eks Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. Kap tad-Distrett tan-Nofsinhar tal-Gwardja Nazzjonali Russa.	21.3.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
37.	Sergei Ivanovich MENYAILO (Сергей Иванович МЕНЯЙЛО)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 22.8.1960 Post tat-twelid: Alagir, RSS Awtonoma tal-Ossezja tat- Tramuntana, RSFSR (illum il- Federazzjoni Russa)	Eks Gvernatur tal-belt Ukrena annessa ta' Sevastopol. Eks Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tas-Siberja. Membru tal-Kunsill tas- Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Kap tal-Ossezja tat-Tramuntana mid-19 ta' Settembru 2021.	29.4.2014
38.	Olga Fyodorovna KOVITIDI (Ольга Фёдоровна КОВИТИДИ)	Ġeneru: femminil Data tat-twelid: 7.5.1962 Post tat-twelid: Simferopol, RSS Ukrena (illum l-Ukrajna)	Membru tal-Kunsill Federali Russu mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa mill-2014, maħtura mill-ġdid fl-2019. Membru tal-Kumitat tal-Kunsill Federali dwar il-Leġiżlazzjoni Kostituzzjonali u l-Bini tal-Istat.	29.4.2014
50.	Vladimir Anatolievich SHAMANOV (Владимир Анатольевич ШАМАНОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 15.2.1957 Post tat-twelid: Barnaul, il- Federazzjoni Russa	Eks Kmandant tat-Truppi tal-Ajru Russi, Kurunell-Ġenerali. Fil- pożizzjoni ta' awtorità għolja tiegħu, huwa responsabbli mill- iskjerament tal-qawwiet tal-ajru Russi fil-Krimea. Eks President tal-Kumitat ta' Difiża tad-Duma tal-Istat tal- Federazzjoni Russa. Membru tad-Duma tal-Istat, Kumitat għall- Iżvilupp tas-Soċjetà Ċivili.	12.5.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
60.	<p>Natalia Vladimirovna POKLONSKAYA (Наталья Владимировна ПОКЛОНСКАЯ)</p>	<p>Ġeneru: femminil Data tat-twelid: 18.3.1980 Post tat-twelid: Mikhailovka, reġjun ta' Voroshilovgrad, RSS Ukrena jew Yevpatoria, RSS Ukrena, (illum l-Ukrajna)</p>	<p>Membru tad-Duma tal-Istat, eletta mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa illegalment.</p> <p>Eks Prosekutriċi tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Implimentat b'mod attiv l-annessjoni tal-Krimea mir-Russja.</p> <p>Eks Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet Internazzjonali, membru tal-Kummissjoni dwar l-investigazzjoni tal-interferenza barranija fl-affarijiet interni tal-Federazzjoni Russa, membru tal-Kumitat għas-sigurtà u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Għandha pożizzjoni ta' Ambaxxatriċi fil-korpi diplomatiċi tal-Federazzjoni Russa.</p>	12.5.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
62.	Aleksandr Yurevich BORODAI (Александр Юрьевич БОРОДАЙ)	<p>Ġeneru: maskil</p> <p>Data tat-twelid: 25.7.1972</p> <p>Post tat-twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa</p>	<p>Kien l-hekk imsejjaħ "Prim Ministru tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", bħala tali responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" (eż. fit-8 ta' Lulju 2014 iddikjara li "l-militar tagħna qed iwettaq operazzjoni speċjali kontra l-"faxxisti" Ukreni"), firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil dwar l-"unjoni ta' Novorossiya". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti; imexxi l-"Għaqda ta' Voluntiera ta' Donbas".</p> <p>President tal-Bord tal-Għaqda ta' Voluntiera ta' Donbass. Involut b'mod attiv fir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-"voluntiera" mibgħuta jiġġieldu f'Donbas.</p> <p>Membru tad-Duma tal-Istat minn Settembru 2021. F'Ottubru 2021 iddikjara li l-forzi separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna huma "forzi Russi".</p>	12.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
65.	Alexander KHRYAKOV Aleksandr Vitalievich KHRYAKOV (Александр Витальевич ХРЯКОВ) Oleksandr Vitaliyovych KHRYAKOV (Олександр Віталійович ХРЯКОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 6.11.1958 Post tat-twelid: Donetsk, l-Ukrajna	L-hekk imsejjaħ eks "Ministru għall-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-Massa tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Bħalissa membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-Kumitat dwar il-Baġit, il-Finanzi u l-Politika Ekonomika tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Għadu attiv fl-appoġġ tal-azzjonijiet separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna.	12.7.2014
66.	Marat Faatovich BASHIROV (Марат Фаатович БАШИРОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 20.1.1964 Post tat-twelid: Izhevsk, il-Federazzjoni Russa	L-hekk imsejjaħ eks "Prim Ministru tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", ikkonfermat fit-8 ta' Lulju 2014. Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Attwalment xjentist politiku fl-Istitut tal-Ġestjoni tal-Komunikazzjoni u Direttur taċ-Ċentru għall-Istudju tal-Problemi tar-Reġimi Internazzjonali ta' Sanzjonijiet. Ikompli b'attivitajiet ta' appoġġ għal strutturi separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".	12.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
77.	Boris Vyacheslavovich GRYZLOV (Борис Вячеславович ГРЫЗЛОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 15.12.1950 Post tat-twelid: Vladivostok, il-Federazzjoni Russa	Eks membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa għadu president tal-Kunsill Suprem tal-partit Russja Magħquda u rappreżentant plenipotenżjarju tal-Federazzjoni Russa fil-Grupp ta' Kuntatt dwar is-soluzzjoni tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna. Il-President tal-Bord tad-Diretturi tal-intrapriża tal-Istat Tactical Missiles Corporation JSC.	25.7.2014
79.	Mikhail Vladimirovich DEGTYARYOV/DEGT YAREV (Михаил Владимирович ДЕГТЯРЁВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 10.7.1981 Post tat-twelid: Kuibyshev (Samara), il-Federazzjoni Russa	Eks Membru tad-Duma tal-Istat. Bħala membru tad-Duma huwa ħabbar l-inawgurazzjoni tal-"ambaxxata <i>de facto</i> " tal-hekk imsejħa u mhux rikonoxxuta "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" f'Moska, jikkontribwixxi għad-dgħajfien jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Eks President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat Russu dwar l-Edukazzjoni Fiżika, l-Isport u l-Affarijiet taż-Żgħażaġħ. Mid-19 ta' Settembru 2021, Gvernatur ta' Khabarovsk Krai. Mis-6 ta' Frar 2021, Koordinatur tal-fergħa reġjonali tal-Partit Demokratiku Liberali tar-Russja.	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
84.	Fyodor Dmitrievich BEREZIN (Фёдор Дмитриевич БЕРЕЗИН) Fedir Dmytrovych BEREZIN (Федір Дмитрович БЕРЕЗИН)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 7.2.1960 Post tat-twelid: Donetsk, l-Ukrajna	L-hekk imsejjaħ eks "viċi Ministru għad-difiża" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa assoċjat ma' Igor Strelkov/Girkin li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, Berezin għalhekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". President attwali tal-Bord tal-Unjoni tal-Kittieba tad-DNR.	25.7.2014
98.	Miroslav Vladimirovich RUDENKO (Мирослав Владимирович РУДЕНКО) Myroslav Volodymyrovych RUDENKO (Мирослав Володимирович РУДЕНКО)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 21.1.1983 Post tat-twelid: Debaltsevo, l-Ukrajna	Assoċjat mal-"Milizzja tal-Poplu ta' Donbass". Fost affarijiet oħra, huwa ddikjara li ser ikomplu l-ġlied tagħhom fil-bqija tal-pajjiż. Rudenko b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Membru tal-Kumitat dwar l-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
108.	Vladimir Abdualiyevich VASILYEV (Владимир Абдуалиевич ВАСИЛЬЕВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 11.8.1949 Post tat-twelid: Klin, Reġjun ta' Moska, Federazzjoni Russa	Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014, ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-'Repubblika tal-Krimea' u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-'Repubblika tal-Krimea' u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". Eks kap tar-Repubblika ta' Dagestan. Eks Konsulent tal-President tal-Federazzjoni Russa. Membru tad-Duma tal-Istat u mexxej tal-fazzjoni Russja Maġħqda fid-Duma tal-Istat.	12.9.2014
114.	Igor Vladimirovich LEBEDEV (Игорь Владимирович ЛЕБЕДЕВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 27.9.1972 Post tat-twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa	Eks membru tad-Duma tal-Istat. Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014, ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-'Repubblika tal-Krimea' u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-'Repubblika tal-Krimea' u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol".	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
119.	Alexander Mikhailovich БАБАКОВ (Александр Михайлович БАБАКОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 8.2.1963 Post tat-twelid: Chisinau, RSS Moldovana (illum ir-Repubblika tal-Moldova)	Eks membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Membru tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin. Huwa membru prominenti ta' "Russja Magħquda" u negozjant b'investimenti kbar fl-Ukrajna u fil-Krimea. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-'Repubblika tal-Krimea' u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-'Repubblika tal-Krimea' u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". Wara l-amalgamazzjoni tal-partiti politiċi – "Russja Ġusta", "Għall-Verità", u "Patrijotti tar-Russja", Babakov sar is-Segretarju tal-Presidju tal-Kunsill Ċentrali tal-entità amalgamata. Membru tad-Duma tal-Istat, membru tal-Kummissjonijiet dwar l-Enerġija, l-appoġġ għall-SMEs, l-Affarijiet tal-Commonwealth tal-Istati Indipendenti (CIS), l-integrazzjoni Ewro-Asjatika u l-appoġġ għall-kompatrijotti.	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
121.	Oleg Konstantinovich AKIMOV (magħruf ukoll bħala Oleh AKIMOV) (Олег Константинович АКИМОВ) Oleh Kostiantynovych AKIMOV (Олег Костянтиневич АКИМОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 15.9.1981 Post tat-twelid: Luhansk, l-Ukrajna	Deputat tal-"Unjoni Ekonomika ta' Luhansk" fil-"Kunsill Nazzjonali" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' tal-hekk imsejjaħ "Kap" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Dawn l-"elezzjonijiet" kienu ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Eks "Kap" tal-hekk imsejħa "Federazzjoni tat-Trade Unions". Membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". President attwali tal-Bord tal-Organizzazzjoni Pubblika Interreġjonali "Unjoni tal-Komunitajiet ta' Lugansk", rappreżentant tal-Kumitat ta' Integrazzjoni "Russja-Donbass". Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, u billi pparteċipa formalment bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, huwa appoġġa għaldaqstant b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Jappoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	29.11.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
131.	Yevgeniy Vyacheslavovich ORLOV (magħruf ukoll bħala Yevhen Vyacheslavovich ORLOV) (Евгений Вячеславович ОРЛОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 10.5.1980 jew 21.10.1983 Post tat-twelid: Snezhnoye, oblast ta' Donetsk, l-Ukrajna г. Снежное, Донецкой области, Украина	Eks membru tal-"Kunsill Nazzjonali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Eks president tal-moviment pubbliku "Donbass Ħieles". Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizza aktar lill-Ukrajna. Eks Viċi President tal-Kumitat dwar l-Industrija u l-Kummerċ tal-Assemblea Nazzjonali tad-DPR.	29.11.2014
137.	Eduard Aleksandrovich BASURIN (Эдуард Александрович БАСУРИН) Eduard Oleksandrovich BASURIN (Едуард Олександрович БАСУРИН)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 27.6.1966 Post tat-twelid: Donetsk, l-Ukrajna	Kelliem u Viċi Kap tal-"Milizzja tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizza aktar lill-Ukrajna. Viċi Kap u rappreżentant uffiċjali tad-"Dipartiment tal-Milizzja tal-Poplu tad-DPR".	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
140.	Sergey Yurevich KUZOVLEV (magħruf ukoll bħala IGNATOV, TAMBOV) (КУЗОВЛЕВ Сергей Юрьевич (magħruf ukoll bħala Сергей; ИГНАТОВ , ТАМБОВ))	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 7.1.1967 Post tat-twelid: Michurinsk, oblast ta' Tambov, Federazzjoni Russa Мичуринск, Тамбовская область, Российская Федерация	L-hekk imsejjaħ eks Kap Kmandant tal-Milizzja tal-Poplu tar- "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizza aktar lill-Ukrajna. Eks Kmandant tat-Tmien Armata tal-Forzi Armati Russi. Kap tal-Persunal u l-Ewwel Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinar Russu.	16.2.2015
149.	Andrei Valeryevich КАРТАПОЛОВ (Андрей Валерьевич КАРТАПОЛОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 9.11.1963 Post tat-twelid: l-eks Repubblika Demokratika tal-Ġermanja	Eks Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tal-Punent. Eks Direttur tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet Prinċipali u l-viċi kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Involut b'mod attiv fit-tiswir u l-implimentazzjoni tal-kampanja militari tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Skont l-attivitajiet iddikjarati tal-persunal ġenerali, fl-eżerċizzju tal-kontroll operazzjonali fuq il-forzi armati, huwa kien involut b'mod attiv fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Eks Viċi Ministru għad-Difiża. Membru tad-Duma tal-Istat mid-19 ta' Settembru 2021.	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
152.	<p>Ruslan Ismailovich BALBEK (Руслан Исмаилович БАЛБЕК)</p>	<p>Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 28.8.1977 Post tat-twelid: Bekabad, RSS tal-Uzbekistan (illum l- Uzbekistan)</p>	<p>Eks Membru tad-Duma tal-Istat, elett mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa illegalment.</p> <p>Eks Viċi President tal-Kumitat tad-Duma dwar affarijiet etniċi.</p> <p>F1-2014, Balbek inħatar Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" u ħadem f'din il-kapaċità għall-integrazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment fil-Federazzjoni Russa, li għaliha ġie ppremjat b'midalja "Għad-Difiża tar-Repubblika tal-Krimea". Huwa appoġġa l-annessjoni tal-Krimea fi stqarrijiet pubbliċi, inkluż fuq il-profil tiegħu fis-sit elettroniku tar-Russja Magħquda (fergħa tal-Krimea) u f'artiklu fl-istampa ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-NTV fit-3 ta' Lulju 2016.</p>	9.11.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
154.	Dmitry Anatolievich БЕЛИК (Дмитрий Анатольевич БЕЛИК)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 17.10.1969 Post tat-twelid: Kular, id-distrett Ust-Yansky, RSS awtonoma ta' Yakut (illum il-Federazzjoni Russa)	Membru tad-Duma tal-Istat, elett mill-belt ta' Sevastopol li ġiet annessa illegalment. Membru tal-Kumitat tad-Duma dwar l-affarijiet internazzjonali. Bħala membru tal-amministrazzjoni municijali ta' Sevastopol fi Frar-Marzu 2014 appoġġa l-attivitajiet tal-hekk imsejjaħ "Sindku tal-Poplu" Alexei Chaliy. Huwa pubblikament ammetta l- involviment tiegħu fil-ġrajjet tal-2014 li wasslu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, li ddefenda pubblikament, inkluż fuq is-sit web personali tiegħu u f'intervista ppubblikata fil-21 ta' Frar 2016 fuq is-sit web nation-news.ru. Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' "Mertu lejn il-Patrija – it-tieni grad".	9.11.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
155.	<p>Andrei Dmitrievich KOZENKO (Андрей Дмитриевич КОЗЕНКО)</p>	<p>Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 3.8.1981 Post tat-twelid: Simferopol, RSS Ukrena (illum l-Ukrajna)</p>	<p>Eks Membru tad-Duma tal-Istat, elett mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa illegalment. Eks Membru tal-Kumitat tad-Duma dwar is-Swieq Finanzjarji. F'Marzu 2014, Kozenko nħatar Viċi President tal-Kunsill tal-Istat tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Ammetta pubblikament l-involviment tiegħu fil-ġrajjet tal-2014 li wasslu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, li huwa ddefenda pubblikament, inkluż f'intervista ppubblikata fis-sit web gazetakrimea.ru fit-12 ta' Marzu 2016. Għall-involviment tiegħu fil-proċess ta' annessjoni ġie ppremjat b'midalja "Għad-difiża tar-'Repubblika tal-Krimea'" mill-"awtoritajiet" lokali.</p>	9.11.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
156.	Svetlana Borisovna SAVCHENKO (Светлана Борисовна САВЧЕНКО)	Ġeneru: femminil Data tat-twelid: 24.6.1965 Post tat-twelid: Belogorsk, RSS Ukrena (illum l-Ukrajna)	Eks Membru tad-Duma tal-Istat, eletta mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa illegalment. Eks Membru tal-Kumitat tad-Duma dwar il-Kultura. Kienet membru tal-Kunsill Suprem tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" sa mill-2012 u minn Marzu 2014 appoġġat l-integrazzjoni tal-Krimea u Sevastopol li ġew annessi illegalment fil-Federazzjoni Russa. F'Settembru 2014, Savchenko ġiet eletta fil-Kunsill tal-Istat tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Hi ddefendiet l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol f'għadd ta' okkażjonijiet fi stqarrijiet pubbliċi, fosthom intervisti ppubblikati fuq is-sit elettroniku c-pravda.ru fit-2 ta' April 2016 u l-20 ta' Awwissu 2016. Hija ġiet ippremjata bl-ordni tal-Istat Russu "Għal servizzi lill-art tat-twelid"– grad II fl-2014 u bl-ordni "Għal-lealtà għad-dmir" mill-"awtoritajiet" tar-"Repubblika tal-Krimea" fl-2015.	9.11.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
157.	Pavel Valentinovich SHPEROV (Павел Валентинович ШПЕРОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 4.7.1971 Post tat-twelid: Simferopol, RSS Ukrena (illum l-Ukrajna)	Eks Membru tad-Duma tal-Istat, elett mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa illegalment. Eks Membru tal-Komitat tad-Duma għall-Affarijiet tas-CIS, l-Integrazzjoni Ewro-Asjatika u r-Relazzjonijiet mal-Kompatrijotti. F'Settembru 2014, Shperov ġie elett fil-Kunsill tal-Istat tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Huwa pubblikament ammetta, inkluż f'intervista ppubblikata fuq is-sit web ldpr-rk.ru fit-3 ta' Settembru 2016, ir-rwol tiegħu fil-ġrajjet tal-2014 li wasslu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol u b'mod partikolari r-rwol tiegħu fl-organizzazzjoni tar-referendum illegali dwar l-annessjoni illegali tal-peniżola.	9.11.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
162.	<p>Inna Nikolayevna GUZEYEVA (Инна Николаевна ГУЗЕЕВА)</p> <p>Inna Nikolayevna GUZEEVA (Инна Николаевна ГУЗЕЕВА)</p> <p>Inna Mykolayivna HUZIEIEVA (Інна Миколаївна ГУЗЄЄВА)</p>	<p>Ġeneru: femminil</p> <p>Data tat-twelid: 20.5.1971</p> <p>Post tat-twelid: il-Krimea, l-Ukrajna</p>	<p>Viċi President tal-Kummissjoni Elettorali tal-Krimea. F'din il-kapaċità, hija ħadet sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta' Marzu 2018, l-elezzjonijiet reġjonali u lokali tat-8 ta' Settembru 2019, u l-elezzjoni tad-Duma tal-Istat f'Settembru 2021 fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment, u b'hekk appoġġat b'mod attiv u implimentat politiki li jdġhajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	14.5.2018

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
163.	Natalya Ivanovna BEZRUCHENKO /Natalia Ivanovna BEZRUCHENKO (Наталья Ивановна БЕЗРУЧЕНКО) Nataliya Ivanivna BEZRUCHENKO (Наталія Іванівна БЕЗРУЧЕНКО)	Ġeneru: femminil Data tat-twelid: 22.8.1979 Post tat-twelid: Simferopol, il-Krimea, l-Ukrajna	Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali tal-Krimea. F'din il-kapaċità, hija ħadet sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta' Marzu 2018, l-elezzjonijiet reġjonali u lokali tat-8 ta' Settembru 2019, u l-elezzjoni tad-Duma tal-Istat f'Settembru 2021 fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment, u b'hekk appoġġat b'mod attiv u implimentat politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	14.5.2018
167.	Olga Valerievna POZDNYAKOVA/Olga Valeryevna POZDNYAKOVA (Ольга Валерьевна ПОЗДНЯКОВА) Olga Valeriyivna POZDNYAKOVA (Ольга Валеріївна ПОЗДНЯКОВА)	Ġeneru: femminil Data tat-twelid: 30.3.1982 Post tat-twelid: Shakhty, Oblast ta' Rostov, USSR (illum il-Federazzjoni Russa)	Eks "President" tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". F'din il-kapaċità, hija ħadet sehem fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tal-11 ta' Novembru 2018 fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u b'hekk appoġġat u implimentat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. Eks Kap tad-Direttorat għall-Politika Domestika fl-amministrazzjoni tal-hekk imsejħa "Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	10.12.2018

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
183.	Aleksandr Vladimirovich DVORNIKOV (Александр Владимирович ДВОРНИКОВ)	Ġeneru: maskil; Data tat-twelid: 22.8.1961 Post tat-twelid: Ussuriysk, Primorskiy Krai, Federazzjoni Russa	Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar tal-Forzi Armati Russi, Kurunell Ġenerali u responsabbli għall-forzi militari fir-reġjun, inkluż il-Krimea u Sevastopol annessi illegalment. F'dan ir-rwol, kien responsabbli għall-azzjonijiet tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed u forzi militari oħra tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna fil-25 ta' Novembru 2018 li ma ppermettewx l-aċċess minn bastimenti Ukreni għall-kosta tagħhom fuq il-Baħar ta' Azov, u li b'hekk dgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna u dgħajfu s-sigurtà tal-Ukrajna billi ħarbtu l-movimenti u l-operabbiltà tal-bastimenti navali Ukreni. Dawk l-azzjonijiet appoġġaw ukoll il-konsolidament tal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.	15.3.2019
184.	Sergei Andreevich DANILENKO (Сергей Андреевич ДАНИЛЕНКО)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 14.3.1960 Post tat-twelid: Krasnodar, USSR (illum il-Federazzjoni Russa)	Eks Kap tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol. F'dik il-kapaċità, huwa pparteċipa fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet lokali fit-8 ta' Settembru 2019 fil-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment u b'hekk appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u implimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
185.	Lidia Aleksandrovna BASOVA (Лидия Александровна БАСОВА) Lidiya Oleksandrivna BASOVA (Лідія Олександрівна БАСОВА)	Ġeneru: femminil Data tat-twelid: 1972	Eks Viċi Kap tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol. F'din il-kapaċità, hija ħadet sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet lokali fit-8 ta' Settembru 2019 fil-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment u b'hekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u implimentat politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020
192.	Leonid Kronidovich RYZHENKIN (Леонид Кронидович РЫЖЕНЬКИН)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 10.11.1967 Post tat-twelid: mhux magħruf Numru tal-passaport: 722706177 (fl-2015)	Eks viċi direttur ġenerali għall-proġetti ta' infrastruttura fi Stroigazmontazh (SGM), li mill-2015 issorvelja l-kostruzzjoni tal-pont fuq l-Istrett ta' Kerch (inkluż il-parti ferrovjarja tal-pont) li jgħaqqad lir-Russja mal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Għaldaqstant, jappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	1.10.2020"

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1.	Intrapriża Unitarja Statali tar- "Repubblika tal-Krimea" "Chernomorneftegaz" (qabel kienet magħrufa bħala PJSC "Chernomorneftegaz")	Prospekt Kirov 52, Simferopol, Crimea, Ukraine 295000 пр. Кирова 52, г. Симферополь, Крым, Украина 295000 Nru tat-telefon: +7 (3652) 66-70-00 +7 (3652) 66-78-00 http://gas.crimea.ru/ office@chernomorneftegaz.ru Numru ta' reġistrazzjoni: 1149102099717	Fis-17 ta' Marzu 2014 il-"Parlament tal-Krimea" adotta rizzoluzzjoni li tiddikjara l-approprijazzjoni tal-assi li jappartjenu għall-intrapriża Chernomorneftegaz f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. Reġistrata mill-ġdid fid-29 ta' Novembru 2014 bħala l-Intrapriża Unitarja Statali tar-"Repubblika tal-Krimea""Chernomorneftegaz" (Государственное унитарное предприятие Республики Крым "Черноморнефтегаз"). Fundatur: Il-Ministeru għall-Fjuwil u l-Enerġija tar-"Repubblika tal-Krimea" (Министерство топлива и энергетики 'Республики Крым').	12.5.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
19.	<p>Istituzzjoni tal-baġit tal-Istat Federali għax-xjenza u r-riċerka "Istituzzjoni nazzjonali ta' riċerka xjentifika tar-Russja għall-vitikultura u l-produzzjoni tal-inbid, l-Akkademja tax-Xjenzi Russa 'Magarach' "</p> <p>Федеральное государственное бюджетное учреждение науки 'Всероссийский национальный научно-исследовательский институт виноградарства и виноделия "Магарач" РАН'</p>	<p>298600, Kirov Street 31, Yalta, Crimea, Ukraine</p> <p>298600, ул. Кирова, 31, г. Ялта, Крым, Украина</p> <p>priemnaya@magarach-institut.ru</p> <p>www.magarach-institut.ru</p> <p>+7(3654) 32-05-91</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 1159102130857</p>	<p>Is-sjieda tal-entità ġiet ittrasferita kontra l-liġi Ukrena. Fid-9 ta' April 2014 il-"Presidju tal-Parlament tal-Krimea" adotta deċiżjoni Nru 1991 6/14 "Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-'Repubblika tal-Krimea'" tas-26 ta' Marzu 2014 u Nru 1836 6/14 "Dwar in-nazzjonalizzazzjoni tal-proprietà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agroindustrijali, li tinsab fit-territorju tar-'Repubblika tal-Krimea'" fejn ġiet iddikjarata l-appropriazzjoni ta' assi li jappartjenu lill-entità statali 'Gosudarstvenoye predpriyatiye Agrofirma "Magarach" nacionalnogo instituta vinograda i vina "Magarach"' f'isem ir-'Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea.</p> <p>Reġistrata mill-ġdid fil-15 ta' Jannar 2015 bħala "Istituzzjoni Unitarja Statali tar-'Repubblika tal-Krimea' l-Istitut Nazzjonali tal-Inbid 'Magarach'".</p> <p>(Государственное бюджетное учреждение 'Республики Крым' 'Национальный научно исследовательский институт винограда и вина "Магарач"). Fundatur: Il-Ministeru għall-Agricoltura tar-"Repubblika tal-Krimea" (Министерство сельского хозяйства 'Республики Крым').</p>	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
	<p>(Qabel kienet magħrufa bħala Intrapriża Unitarja Statali tar-"Repubblika tal-Krimea" l-"Istitut Nazzjonali tal-Inbid 'Magarach' "</p> <p>Qabel kienet magħrufa bħala "Intrapriża statali 'Magarach' tal-istitut nazzjonali tal-inbid" "Государственное предприятие Агрофирма 'Магараç' Национального института винограда и вина 'Магараç"</p> <p>Gosudarstvenoye predpriyatiye "Agrofirma Magarach" nacionalnogo instituta vinograda i vina "Magarach")</p>		<p>Fid-9 ta' Frar 2015, l-Intrapriża Unitarja Statali tar-"Repubblika tal-Krimea" l-"Istitut Nazzjonali tal-Inbid 'Magarach'" ġie ttrasformat f'faċilità xjentifika Baġitarja Federali "Istitut ta' riċerka xjentifika tar-Russja għall-vitikultura u l-produzzjoni tal-inbid 'Magarach'", fi ħdan l-Akkademja Russa tax-Xjenzi.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
20.	<p>Kumpannija b'ishma konġunti "Impjant tal-inbid effervexxenti 'Novy Svet'"</p> <p>Акционерное общество "Завод шампанских вин "Новый Свет"</p> <p>Qabel kienet magħrufa bħala Intrapriża statali unitarja tar-"Repubblika tal-Krimea" l-"Impjant tal-inbid effervexxenti 'Novy Svet'"</p>	<p>298032, Crimea, Sudak, Novy Svet, str. Shalapina 1.</p> <p>298032, Крым, г. Судак, пгт. Судак, пгт. Новый Свет, ул. 1</p> <p>+7-(365) 663-35-00</p> <p>+7-(365) 663-35-22</p> <p>+7-978-914- 00-10</p> <p>http://nsvet-crimea.ru/</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 1179102021460</p>	<p>Is-sjieda tal-entità ġiet ittrasferita bi ksur tal-liġi Ukrena. Fid-9 ta' April 2014, il-"Presidju tal-Parlament tal-Krimea" adotta d-deċiżjoni Nru 1991-6/14 "Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-'Repubblika tal-Krimea'" tas-26 ta' Marzu 2014, u Nru 1836-6/14 "Dwar innazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriża, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agroindustrijali, li tinsab fit-territorju tar-'Repubblika tal-Krimea'" fejn ġiet iddikjarata l-appropriazzjoni ta' assi li jappartjenu għall-intrapriża tal-istat "Zavod shampanskykh vin Novy Svet" f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea".</p>	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
	<p>Государственное унитарное предприятие Республики Крым 'Завод шампанских вин "Новый Свет"</p> <p>Gosudarstvennoye unitarnoye predpriyatiye Respubliki Krym 'Zavod shampanskykh vin "Novy Svet" u bħala 'Intrapriża statali impjant tal-inbid effervexxenti "Novy Svet"</p> <p>Государственное предприятие Завод шампанских вин "Новый свет" (Gosudarstvenoye predpriyatiye Zavod shampanskykh vin "Novy Svet")</p>		<p>L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. Reġistrata mill-ġdid fl-4 ta' Jannar 2015 bħala Intrapriża Unitarja Statali tar-"Repubblika tal-Krimea" "impjant tal-inbid effervexxenti 'Novy Svet'" (Государственное унитарное предприятие Республики Крым 'Завод шампанских вин "Новый Свет"). Fundatur: Il-Ministeru għall-Agricoltura tar-"Repubblika tal-Krimea" (Министерство сельского хозяйства Республики Крым)</p> <p>Reġistrata mill-ġdid wara r-riorganizzazzjoni fid-29 ta' Awwissu 2017 bħala Kumpannija b'ishma konġunti Impjant tal-inbid effervexxenti "Novy Svet" (Акционерное общество 'Завод шампанских вин "Новый Свет"). Fundatur: il-Ministeru għar-Regolamenti dwar l-Art u l-Proprietà tar-"Repubblika tal-Krimea" (Министерство земельных и имущественных отношений Республики Крым).</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
25.	Il-moviment pubbliku "Paċi għar-Reġjun ta' Luhansk" (Mir Luganschine) Общественное движение 'Мир Луганщине'	https://mir-lug.info/ Indirizz: Karl Marx Street 7, Luhansk, Ukraine улица Карла Маркса, 7, г. Луганск, Украина info@mir-lug.info	"Organizzazzjoni" pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" fit-2 ta' Novembru 2014 u l-11 ta' Novembru 2018. Dawn l-"elezzjonijiet" huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Mis-17 ta' Frar 2018, il-president tal-organizzazzjoni huwa Leonid PASECHNIK u għalhekk hi assoċjata ma' persuna ddeżinjata mill-Kunsill. Bil-parteċipazzjoni formali fl-"elezzjonijiet" illegali, hi għalhekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u sabiex tkompli tiġi ddestabilizzata l-Ukrajna.	29.11.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
26.	Moviment pubbliku "Donbas Ħieles" (magħruf ukoll bħala "Donbas Ħieles", "Svobodny Donbass") Общественное движение 'Свободный Донбасс'	http://www.odsd.ru/ https://xn--d1aa2an.xn--p1ai/ Indirizz: 102, Khmelnitsky Ave., Donetsk (office 512) Донецк, пр. Б.Хмельницкого, 102, офис 512 press-odsd@yandex.ru	<p>"Organizzazzjoni" pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" fit-2 ta' Novembru 2014 u l-11 ta' Novembru 2018. Dawn l-elezzjonijiet huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali.</p> <p>Bil-parteċipazzjoni formali fl-"elezzjonijiet" illegali, hija għalhekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u sabiex tkompli tiġi ddestabilizzata l-Ukrajna.</p>	29.11.2014
33.	Brigata Prizrak Бригада "Призрак"	Indirizz: District 50 Year of the USSR, 18; c. of Kirovsk https://vk.com/battalionprizrak mail@prizrak.info + 38 (072) 199-86-39	<p>Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.</p> <p>Parti mill-hekk imsejjaħ "It-tieni Korp tal-Armata" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk".</p> <p>Jissejjaħ ukoll l-14-il Battaljun Motorizzat tal-Azzarini.</p> <p>Parti mill-hekk imsejjaħ Milizzja tal-Poplu tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".</p>	16.2.2015"